SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

2 ta' Ġunju 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Direttiva 2000/78/KE – Artikolu 3(1)(a) u (d) – Kamp ta' applikazzjoni – Pożizzjoni ta' president elett minn organizzazzjoni ta' ħaddiema – Statut ta' din l-organizzazzjoni li jipprovdi għall-eliġibbiltà għall-presidenza tal-membri biss li, fil-jum tal-elezzjoni, ma jkunux laħqu l-età ta' 60 sena jew ta' 61 sena"

Fil-Kawża C-587/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, Id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Novembru 2020, fil-proċedura

Ligebehandlingsnævnet, li qiegħda taġixxi għal A

vs

HK/Danmark,

HK/Privat,

fil-preżenza ta':

Fagbevægelsens Hovedorganisation,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, J. Passer, F. Biltgen (Relatur), N. Wahl u M. L. Arastey Sahún, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: C. Strömholm, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ottubru 2021,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal-Ligebehandlingsnævnet, li qiegħda taġixxi għal A, minn P. Ahlberg u R. Holdgaard, advokater,

– għal HK/Privat u HK/Danmark, minn J. Goldschmidt, advokat,

– għall-Fagbevægelsens Hovedorganisation, minn R. Asmussen, advokat,

– għall-Gvern Elleniku, minn N. Dafniou, I. Kotsoni, O. Patsopoulou u E. Skandalou, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Grønfeldt u D. Martin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) u (d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, il-Ligebehandlingsnævnet (il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fit-Trattament, id-Danimarka), li qiegħda taġixxi għal A, u, min-naħa l-oħra, il-konfederazzjoni HK/Danmark u l-federazzjoni HK/Privat (iktar 'il quddiem, flimkien, "HK"), organizzazzjonijiet ta' ħaddiema, dwar dispożizzjoni statutorja ta' din il-federazzjoni li tistabbilixxi limitu ta' età għall-kandidati għall-presidenza tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 4, 5, 9 u 11 tad-Direttiva 2000/78 jipprovdu:

"(4) Id-dritt tal-persuni kollha għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-protezzjoni minn diskriminazzjoni jikkostitwixxi dritt universali rikonoxxut mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar l-Elimazzjoni tal-Forom Kollha tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, mill-Patti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet, iffirmata mill-Istati Membri kollha. Il-Konvenzjoni Nru 111 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjieg u tax-xogħol.

(5) Huwa importanti li jiġu rrispettati dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Din id-Direttiva hija bla ħsara għal-libertà ta' assoċjazzjoni, inkluż id-dritt li persuna tistabbilixxi għaqda ma' oħrajn u li tidħol f'għaqda ma' ħaddieħor biex tiddefendi d-drittijiet tagħha.

[…]

(9) L-Impjieg u x-xogħol huma elementi ewlenija biex jiggarantixxu opportunitajiet ugwali għal kulħadd u jikkontribwixxu f'miżura wiesgħa għall-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali u biex jilħqu l-potenzjal tagħhom.

[…]

(11) Id-diskriminazzjoni bbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali tista' tikkomprommetti t-twettiq tal-miri tat-Trattat tal-KE, speċjalment li jintlaħaq livell għoli ta' mpjieg u protezzjoni soċjali, li jiġi mgħolli l-istandard tal-ħajja u l-kwalità tal-ħajja, kif ukoll il-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà, u l-moviment liberu tal-persuni."

4 Skont l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Skop":

"L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament."

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

(a) il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni;

[…]

(d) is-sħubija ma', u l-involviment, f'organizzazzjoni ta' ħaddiema jew ta' min iħaddem jew f'kull organizzazzjoni li l-membri tagħha jeżerċitaw professjoni partikulari, inklużi l-benefiċċji li huma pprovduti minn dawn l-organizzazzjonijiet.

[…]

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li din id-Direttiva, sa fejn tirrelata ma' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżablità u età, m'għandhiex tapplika għall-forzi armati."

Id-dritt Daniż

6 L-Artikolu 1 tal-lov om forbud mod forskelsbehandling på arbejdsmarkedet m.v. (forskelsbehandlingsloven) (il-Liġi dwar il-Prinċipju ta' Nondiskriminazzjoni fis-Suq tax-Xogħol (Liġi kontra d-Diskriminazzjoni)), kif emendata bil-lov nr. 253 (il-Liġi Nru 253), tas-7 ta' April 2004, u l-lov nr. 1417 (il-Liġi Nru 1417), tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/78 (iktar 'il quddiem il-"Liġi kontra d-Diskriminazzjoni"), jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-kunċett ta' "diskriminazzjoni", fis-sens ta' din il-liġi, għandu jfisser kull att ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata, *inter alia*, fuq l-età.

7 L-Artikolu 2(1) tal-Liġi kontra d-Diskriminazzjoni jipprovdi:

"Persuna li timpjega hija pprojbita milli tiddiskrimina waqt ir-reklutaġġ, it-tkeċċija, it-trasferiment, il-promozzjoni jew fil-kundizzjonijiet tar-remunerazzjoni u tax-xogħol".

8 L-Artikolu 3(3) u (4) tal-Liġi kontra d-Diskriminazzjoni jipprovdi:

"3. Il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni tapplika wkoll għal kull min jistabbilixxi r-regoli u jiddeċiedi l-aċċess ta' persuni għal xogħol għal rashom.

4. Il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni tapplika wkoll għal kull min jiddeċiedi fuq il-kundizzjonijiet għas-sħubija ma', u għall-involviment f'organizzazzjoni tal-ħaddiema jew ta' persuni li jimpjegaw, inklużi l-vantaġġi pprovduti minn dan it-tip ta' organizzazzjonijiet."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 A, li twieldet fl-1948, ġiet irreklutata fl-1978 bħala rappreżentant sindakali f'sezzjoni lokali tal-organizzazzjoni tal-ħaddiema HK. Fl-1980, hija ġiet ittrasferita mal-konfederazzjoni nazzjonali. Il-kungress tal-federazzjoni HK/Service, li saret HK/Privat, eleġġiha Viċi Presidenta fl-1992, u mbagħad Presidenta fl-1993. Sussegwentement hija reġgħet ġiet eletta kull erba' snin u eżerċitat il-funzjonijiet ta' president ta' din il-federazzjoni sat-8 ta' Novembru 2011, data li fiha hija kellha l-età ta' 63 sena u kienet qabżet il-limitu tal-età previst mill-Artikolu 9 tal-istatut ta' HK/Privat sabiex tikkontesta l-elezzjoni presidenzjali li kellha ssir dik is-sena stess. Dan l-artikolu jipprevedi, fil-fatt, li jistgħu jiġu eletti għall-pożizzjoni ta' president biss il-membri li, fil-jum tal-elezzjoni, ma jkunux laħqu l-età ta' 60 sena, fejn dan il-limitu tal-età jiġi estiż għal 61 sena għall-membri eletti mill-ġdid wara l-kungress tal-2005.

10 A ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fit-Trattament, fejn sostniet li hija kienet is-suġġett ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età. Permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Ġunju 2016, din il-kummissjoni kkunsidrat li l-projbizzjoni ta' A, minħabba l-età tagħha, milli tikkontesta l-elezzjoni għall-presidenza ta' HK/Privat waqt il-kungress tal-2011 kienet tmur kontra l-Liġi kontra d-Diskriminazzjoni u ordnat lil HK iħallsu lil A s-somma ta' 25 000 krona Daniża (DKK) (madwar EUR 3 400) bħala kumpens, flimkien mal-interessi.

11 Peress li din id-deċiżjoni ma ġietx eżegwita, il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza fit-Trattament, bħala mandatarja ta' A, adixxiet lill-Københavns byret (il-Qorti Muniċipali ta' Kopenħagen, id-Danimarka) b'azzjoni kontra HK. Peress li din l-azzjoni qajmet kwistjonijiet ta' prinċipju, din intbagħtet quddiem l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant, id-Danimarka).

12 Il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni tat-tilwima li għandha quddiemha tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk, bħala presidenta eletta ta' HK/Privat u membru tal-persunal politiku tagħha, A taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 peress li, f'każ ta' risposta fl-affermattiv, ma huwiex ikkontestat li, abbażi tal-Artikolu 9 tal-istatut ta' din il-federazzjoni, hija vittma ta' diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età li tmur kontra din id-direttiva.

13 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li A, bħala presidenta eletta ta' federazzjoni, ma kellhiex l-istatus ta' impjegata fis-sens tal-lov om retsforholdet mellem arbejdsgivere og funktionærer (funktionærloven) (il-Liġi dwar ir-Relazzjonijiet Ġuridiċi bejn il-Persuni li Jimpjegaw u l-Impjegati), pożizzjoni li fiha kienet tkun suġġetta għal awtorità maniġerjali ta' anzjan fil-grad, iżda kienet tokkupa funzjoni politika bbażata fuq il-fiduċja, peress li kienet responsabbli quddiem il-kungress ta' HK/Privat, li eleġġiha. Din il-funzjoni kienet timplika wkoll li hija kienet marbuta b'obbligu ta' kunfidenzjalità. Madankollu, il-funzjonijiet tagħha ta' presidenta kienu jinkludu elementi karatteristiċi ta' xogħol.

14 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-funzjonijiet eżerċitati minn A bħala Presidenta ta' HK/Privat kienu dawk li tiżgura t-tmexxija ġenerali ta' din il-federazzjoni, li tiddetermina l-azzjoni politika tagħha fil-fergħat professjonali tagħha, li tikkonkludi u ġġedded il-ftehimiet kollettivi u kif ukoll li tiżgura l-osservanza ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, hija kienet timplimenta d-deċiżjonijiet tal-kungress u tal-bord tad-diretturi tal-federazzjoni kif ukoll dawk tal-bord tad-diretturi ta' HK/Danmark, fejn hija kienet sedenti wkoll.

15 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ ta' A, il-qorti tar-rinviju tindika li, skont il-"ftehim tal-persuna eletta" tas-27 ta' Ottubru 2009, iffirmat minn A, din kienet impjegata full-time ma' HK/Privat u ma kienet twettaq ebda attività oħra. Hija kienet tirċievi salarju fix-xahar li jikkorrispondi għal skala ta' salarju partikolari tal-Istat. Hija ma kinitx suġġetta għal ftehim kollettiv iżda għall-istatut ta' HK. Barra minn hekk, il-Liġi dwar il-Leave Mħallas kienet applikabbli għaliha.

16 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx definizzjoni preċiża tal-kunċetti ta' "impjieg", ta' "attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu" u ta' "xogħol" imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78, u li hija ma ppronunzjatx ruħha fuq il-punt dwar jekk persuni eletti f'organizzazzjoni tal-ħaddiema, membri tal-persunal politiku tagħha, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Østre Landsret (il-Qorti tal-Appell tar-Reġjun tal-Lvant) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva [2000/78/KE] għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna eletta għall-presidenza ta' federazzjoni ta' organizzazzjoni tal-ħaddiema u membru tal-persunal politiku tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva fiċ-ċirkustanzi deskritti [fit-talba għal deċiżjoni preliminari]?"

Fuq id-domanda preliminari

18 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, anki jekk formalment il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li biha hija

adita, kemm jekk dik il-qorti tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-kumpless tal-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża prinċipali (sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, Caisse d'assurance retraite et de la santé au travail d'Alsace-Moselle, C-769/18, EU:C:2020:203, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 F'dan il-każ, id-domanda preliminari tirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a) tagħha. Madankollu, peress li t-tilwima fil-kawża prinċipali tikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-presidenza ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema, ma jistax jiġi eskluż li l-Artikolu 3(1)(d) ta' din id-direttiva, li jikkonċerna, b'mod partikolari, l-impjieg ta' persuni f'organizzazzjoni ta' ħaddiema, huwa applikabbli wkoll għall-finijiet ta' din it-tilwima.

20 Għaldaqstant, għandu jitqies li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1)(a) u (d) tad-Direttiva 2000/78 għandux jiġi interpretat fis-sens li limitu tal-età previst mill-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-kariga ta' president tagħha jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fuq l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78

21 Skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78, din tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea, għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, inklużi l-korpi pubbliċi, għal dak li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għall-attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta' selezzjoni u l-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inklużi l-promozzjonijiet.

22 It-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda, kif jirriżulta mill-punt 9 ta' din is-sentenza, dispożizzjoni tal-istatut ta' HK/Privat li tistipula li huma biss il-membri ta' din il-federazzjoni tal-ħaddiema li, fil-jum tal-elezzjoni tal-president tagħha, ma jkunux laħqu l-età ta' 60 sena jew, f'ċerti każijiet, ta' 61 sena li huma eliġibbli għal din il-pożizzjoni.

23 Huwa stabbilit li l-iffissar ta' tali limitu fl-età jikkostitwixxi "kundizzjoni għall-aċċess", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78, għall-imsemmija pożizzjoni ta' president. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tqis li leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi età massima għar-reklutaġġ għal impjieg taffettwa l-kundizzjonijiet għar-reklutaġġ tal-persuni kkonċernati u għandha, konsegwentement, titqies li tistabbilixxi regoli fil-qasam tal-aċċess għall-impjieg, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Salaberria Sorondo, C-258/15, EU:C:2016:873, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Għall-kuntrarju, HK u l-Fagbevægelsens Hovedorganisation, konfederazzjoni li tiġbor 79 organizzazzjoni ta' ħaddiema (iktar 'il quddiem il-"FH") li interveniet fil-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju, iqisu li tali pożizzjoni ma taqax taħt il-kunċetti ta' "impjieg", ta' "attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu" jew ta' "xogħol" li jinsabu wkoll fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78. B'mod iktar partikolari, huma jsostnu li, minbarra x-xogħol ta' min jaħdem għal rasu, li fir-rigward tal-pożizzjoni ta' president inkwistjoni ma huwiex fi kwalunkwe każ inkwistjoni,

il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa limitat għall-pożizzjonijiet okkupati minn "ħaddiema", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, u li minn jokkupa l-pożizzjoni ta' president ma jistax jiġi hekk ikklassifikat.

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 2000/78 ma tirreferix għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi ddefinit il-kunċett ta' "il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor". Issa, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tagħmel ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu stabbiliti s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Barra minn hekk, peress li d-Direttiva 2000/78 ma tiddefinixxix it-termini "il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor", dawn għandhom jiġu interpretati konformement mat-tifsira normali tagħhom fil-lingwa ta' kuljum, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-użu konġunt tal-kliem "impjieg", "attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu" u "xogħol" jirriżulta li l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 ikopri l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal kull attività professjonali, tkun xi tkun in-natura u l-karatteristiċi tagħha. Fil-fatt, l-imsemmija termini għandhom jiġu interpretati fis-sens wiesa', kif jirriżulta minn paragun tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' din id-dispożizzjoni u mill-użu fihom ta' espressjonijiet ġenerali, bħal "*erhvervsmæssig beskæftigelse*", "*ejercicio profesional*", "*Erwerbstätigkeit*", "*occupation*" u "*beroep*" bil-lingwa Daniża, Spanjola, Ġermaniża, Ingliża u Olandiża, rispettivament, b'mod partikolari għat-terminu "xogħol".

28 Għalhekk, minbarra l-fatt li l-imsemmija dispożizzjoni ssemmi espressament l-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha, jirriżulta wkoll mill-kliem "impjieg" u "xogħol", mifhuma fis-sens normali tagħhom, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 għall-pożizzjonijiet okkupati minn "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija persuna li twettaq, matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li għalihom hija tirċievi remunerazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Ministrstvo za obrambo, C-742/19, EU:C:2021:597, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Barra minn hekk, minn elementi oħra tal-formulazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma huwiex limitat biss għall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-pożizzjonijiet okkupati minn "ħaddiema", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE. B'hekk, skont il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-ewwel, l-imsemmija direttiva għandha tapplika "għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi […] ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali".

30 L-interpretazzjoni testwali tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 hija kkonfermata mill-għanijiet tagħha, li minnhom jirriżulta li l-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg […] jew għax-xogħol", li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, ma

jistax ikun suġġett għal interpretazzjoni restrittiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 39).

31 Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, u kif jirriżulta kemm mit-titolu u l-preambolu u kif ukoll mill-kontenut u l-iskop tagħha, din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata, *inter alia*, fuq l-età għal dak li jikkonċerna "l-impjieg u x-xogħol", sabiex jiġi implimentat, fl-Istati Membri, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, billi kull persuna tingħata protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni bbażata, *inter alia*, fuq din ir-raġuni (sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 B'mod partikolari, il-premessa 9 ta' din id-direttiva tenfasizza li l-impjieg u x-xogħol jikkostitwixxu elementi essenzjali sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għal kulħadd u jikkontribwixxu fuq skala kbira għall-parteċipazzjoni sħiħa taċ-ċittadini fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali u sabiex jilħqu l-potenzjal tagħhom. F'dan is-sens ukoll, il-premessa 11 tal-imsemmija direttiva tipprovdi li d-diskriminazzjoni bbażata *inter alia* fuq l-età tista' tikkomprometti t-twettiq tal-miri tat-Trattat FUE, speċifikament livell għoli ta' impjieg u ta' protezzjoni soċjali, it-titjib tal-istandard u l-kwalità tal-ħajja, il-koeżjoni ekonomika u soċjali, is-solidarjetà u l-moviment liberu tal-persuni.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2000/78 ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 13 KE li, wara emenda, sar l-Artikolu 19(1) TFUE, li jagħti lill-Unjoni kompetenza sabiex tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiġġieled kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata, *inter alia*, fuq l-età. Din id-direttiva tikkonkretizza, fil-qasam li hija tkopri, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni li issa jinsab stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") (sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punti 35 u 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Għalhekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-Direttiva 2000/78 ma hijiex att tad-dritt sekondarju tal-Unjoni bħal dawk, b'mod partikolari bbażati fuq l-Artikolu 153(2) TFUE, li jirrigwardaw biss il-protezzjoni tal-ħaddiema bħala l-parti l-iktar dgħajfa ta' relazzjoni ta' xogħol, iżda għandha bħala għan l-eliminazzjoni, għal raġunijiet ta' interessi soċjali u pubbliċi, tal-ostakoli kollha bbażati fuq raġunijiet diskriminatorji għall-aċċess għall-mezzi tal-għajxien u għall-kapaċità li wieħed jikkontribwixxi għas-soċjetà permezz tax-xogħol, tkun xi tkun il-forma legali li abbażi tagħha dan ix-xogħol jiġi pprovdut.

35 Konsegwentement, sa fejn, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju kif relatata fil-punt 15 ta' din is-sentenza, il-kariga ta' president tal-federazzjoni HK/Privat tikkostitwixxi attività professjonali reali u effettiva, b'mod partikolari sa fejn din hija attività full-time li hija rremunerata permezz ta' salarju mensili, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal tali pożizzjoni jaqgħux taħt id-Direttiva 2000/78 ma tiddependix minn jekk tali president jiġix ikklassifikat jew le bħala ħaddiem, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 28 ta' din is-sentenza.

36 Fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, HK u l-FH isostnu, barra minn hekk, li l-imsemmija kundizzjonijiet għall-aċċess huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva peress li l-presidenza ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema, bħall-federazzjoni HK/Privat, hija pożizzjoni ta' natura politika li d-detentur tagħha huwa elett mill-membri ta' din l-organizzazzjoni.

37 Madankollu, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

38 Fil-fatt, minn naħa, id-Direttiva 2000/78 ma teskludix mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal impjieg jew għal xogħol meta d-detentur tal-pożizzjoni kkonċernata jkun ġie elett għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-metodu ta' reklutaġġ għal pożizzjoni ma għandu ebda effett għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept, C-81/12, EU:C:2013:275, punt 45).

39 Min-naħa l-oħra, mid-Direttiva 2000/78 ma jirriżultax li pożizzjonijiet ta' natura politika huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 3(1)(a) tagħha, din tapplika kemm għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku u "jkun xi jkun il-qasam ta' attività". Barra minn hekk, meta din id-direttiva tawtorizza lill-Istati Membri ma japplikawx l-iskema li hija tistabbilixxi għal ċerti attivitajiet professjonali, hija tispeċifika l-attivitajiet inkwistjoni. B'hekk, l-Artikolu 3(4) tal-imsemmija direttiva jipprovdi li din tista' ma tiġix applikata għall-forzi armati għal dak li jirrigwarda d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq id-diżabbiltà u l-età.

40 B'żieda ma' dan, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan imfittex mid-Direttiva 2000/78, kif imfakkar fil-punti 31 sa 34 ta' din is-sentenza, ma jintlaħaqx jekk il-protezzjoni li hija tiggarantixxi kontra d-diskriminazzjonijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol tkun tiddependi min-natura tal-funzjonijiet eżerċitati fil-kuntest ta' impjieg partikolari.

41 L-evalwazzjonijiet preċedenti ma humiex imqiegħda f'dubju mill-argument imressaq mill-FH waqt is-seduta, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 għall-elezzjoni għal pożizzjoni ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema tmur kontra l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni Nru 87 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tad-9 ta' Lulju 1948 dwar il-Libertà Sindakali u l-Protezzjoni tad-Dritt Sindakali, li jistipula li l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u tal-persuni li jimpjegaw għandhom id-dritt, *inter alia*, li jeleġġu liberament ir-rappreżentanti tagħhom.

42 Id-dritt għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema li jeleġġu liberament ir-rappreżentanti tagħhom jikkontribwixxi għal-libertà ta' assoċjazzjoni stipulata fl-Artikolu 12 tal-Karta li, kif jirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2000/78, ma hijiex ippreġudikata minn din tal-aħħar.

43 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-libertà tal-organizzazzjonijiet sindakali li jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom għandha tiġi rrikonċiljata mal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol li hija s-suġġett ta' din id-direttiva, bħala konkretizzazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta, u li hija, barra minn hekk, imsemmija fil-Konvenzjoni Nru 111 tal-ILO tal-25 ta' Ġunju 1958 dwar id-Diskriminazzjoni (Impjieg u Professjoni), kif imsemmija fil-premessa 4 tal-imsemmija direttiva.

44 Fil-fatt, mill-Artikolu 52(1) tal-Karta jirriżulta li l-libertà ta' assoċjazzjoni ma hijiex assoluta u l-eżerċizzju tagħha jista' jinvolvi limitazzjonijiet, sakemm dawn ikunu previsti mil-liġi u sakemm dawn josservaw il-kontenut essenzjali ta' din il-libertà kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, jiġifieri li jkunu neċessarji u jfittxu effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-bżonn ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

45 Issa, dan huwa l-każ fil-każ ineżami. B'mod partikolari, il-limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertà ta' assoċjazzjoni li jistgħu jirriżultaw mid-Direttiva 2000/78 huma previsti mil-liġi, peress li jirriżultaw direttament minn din id-direttiva. Dawn il-limitazzjonijiet josservaw, barra minn hekk, il-kontenut essenzjali tal-libertà ta' assoċjazzjoni, peress li japplikaw biss sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2000/78, jiġifieri li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol u li jkun hemm livell għoli ta' impjieg u ta' protezzjoni soċjali. Dawn huma għalhekk iġġustifikati b'dawn l-għanijiet (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punti 50 u 51).

46 Tali limitazzjonijiet josservaw ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni pprojbiti huma elenkati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione personae*, huwa ddefinit fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, u l-indħil fl-eżerċizzju tal-libertà ta' assoċjazzjoni ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-imsemmija direttiva, billi huma pprojbiti biss id-dispożizzjonijiet fl-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg jew tax-xogħol (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 52).

47 Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-libertà ta' assoċjazzjoni li jirriżultaw mid-Direttiva 2000/78 huma neċessarji sabiex jiġu żgurati d-drittijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol li għandhom il-persuni li jagħmlu parti minn gruppi ta' persuni kkaratterizzati minn waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' April 2020, Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI, C-507/18, EU:C:2020:289, punt 53).

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-"kundizzjonijiet għall-aċċess", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78, għall-pożizzjoni ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fuq l-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2000/78

49 L-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2000/78 jipprovdi li din għandha tapplika f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-involviment f'organizzazzjoni ta' ħaddiema.

50 Kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li wieħed iressaq il-kandidatura tiegħu fl-elezzjoni ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema jikkostitwixxi, l-istess bħall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' president ladarba elett, mod ta' "involviment", fis-sens normali ta' dan it-terminu, f'tali organizzazzjoni.

51 Tali interpretazzjoni tissodisfa l-għan tad-Direttiva 2000/78 li huwa dak li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ġlieda kontra diskriminazzjonijiet ibbażati *inter alia* fuq l-età fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, b'tali mod li l-kunċetti li, fl-Artikolu 3 tagħha, jippreċiżaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' interpretazzjoni restrittiva.

52 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema ggarantit mill-Artikolu 45 TFUE, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li din il-libertà fundamentali tinkludi d-dritt ta' dawn il-ħaddiema li jiġu eletti bħala rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet sindakali tal-Istat tal-impjieg tagħhom. B'hekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet

tiegħu, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tagħha huwa riprodott mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15), li jipprevedi, fl-Artikolu 8(1) tiegħu, li ħaddiem igawdi mid-dritt ta' eliġibbiltà għall-korpi ta' rappreżentanza tal-ħaddiema fl-impriża kkonċernata, filwaqt li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1), li ssostitwixxa r-Regolament Nru 1612/68, jipprovdi li l-ugwaljanza fit-trattament li minnha jibbenifika l-ħaddiem fil-qasam tas-sħubija fl-organizzazzjonijiet sindakali u fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet sindakali tinkludi l-aċċess għall-pożizzjonijiet ta' amministrazzjoni jew ta' direzzjoni ta' organizzazzjoni sindakali.

53 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-eżerċizzju tal-attività ta' president ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqa' wkoll taħt l-Artikolu 3(1)(d) tad-Direttiva 2000/78.

54 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għad-domanda magħmula għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 3(1)(a) u (d) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li limitu ta' età previst fl-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex persuna tkun eliġibbli għall-pożizzjoni ta' president tagħha jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 3(1)(a) u (d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li limitu fuq l-età previst fl-istatut ta' organizzazzjoni ta' ħaddiema sabiex persuna tkun eliġibbli għall-pożizzjoni ta' president tagħha jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Firem